# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru tnejn u sebgħin (72) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 9 ta' Diċembru, 2010, fil-5:30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Informazzjoni fuq l-proġett ta' Ġnien ta' Ball**

3. Is-Sindku issospenda l-laqgħa sabiex jidħol l-Perit Anthony Bezzina flimkien ma l-assistenta tiegħu. Il-Perit ippreżenta l-pjanta tal-Ġnien ta' Ball u b'mod dettaljat spjega kif il-pjanta tal-faċċata tinkludi l-*mapping* ta' l-errosion fil-ġebla, ġebel b'ġebla. L-akbar restawr li għandu bżonn isir huwa fuq il-faċċata ta' barra. Il-Perit spjega wkoll l-proponiment tiegħu għal parti ta' wara tal-ġnien permezz ta' pjanta u *graphical impressions*. Il-pjanti proposti mil-Perit ingħoġbu ħafna mil-Kunsilliera u dawn ġew approvati sabiex il-perit jkun jista jiffinalizza l-pjanti neċessarji.

4. Rigward il-finanzjament ta' dan il-proġett mil-UE, il-perit ikkonferma li l-applikazzjonijiet għal fondi għada ma ħarġitx mil-EU. Il-Perit ikkonferma li għamel l-*initial meeting* mal-MUSEC u qed jistenna li l-applikazzjoni toħroġ sabiex huwa jissottometti l-pjan tal-proġett.

**Punti mill-Minuti**

5. Is-Sindku ikkonferma li l-fistun tal-Pjazza inxtara. L-armar tal-Milied twaħħal ukoll.

6. Is-SE rimarka li ser jagħmel kuntatt mal-Youth Section ta' l-MFA fil-jiem li ġejjin rigward l-estensjoni ta' l-*age group* ta' Safi Youth Nursey minn Under-14 sa Under-17, hekk kif ġie miftiehem fil-laqgħa preċedenti.

7. Is-Sindku ikkonferma li ltaqgha mal-Perit tal-Kunsill sabiex jagħmel *traffic management plan* għad-dħul tal-vetturi f'Ħal Safi minn Triq l-Ibraġ qabel mat-triq tal-Karwija tinfetaħ. Il-Perit ser jippreżenta it-*traffic management plan* lil Kunsill fil-ġimgħat li ġejjin.

8. Is-Sindku rimarka li talab stima minn kumpanijja privata sabiex tinxtara sistema ta CCTV u tiġi installata fejn il-bring-in-site f'Triq ta' Ġawhar kif ukoll tiġi installata *camera* addizzjonali fuq il-latrina pubblika ta' ħdejn il-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu li tintalab iżjed minn stima waħda għaliex l-ispiża ser tkun taqbeż l- €1,165.

9. Dwar il-kont ta' l-asfaltar li ingħata madwar il-Ġnien ta' Amparell, is-Sindku rimarka li l-kumpanija li minn għandha inxtara l-asfaltar bgħatet *credit note* u ħarġet kont ġdid ibbażat fuq il-kwantita ta' asfaltar li intuża skond kif imkejjel mil-Perit tal-Kunsill u mhux skond id-delivery chits li kieku oriġinarjament intbagħtu mal-kont. Is-Sindku rrimarka wkoll li ħafna minn dawn ic-chits mhux ittimbrati u għalhekk il-Kunsill ma jistax jikkunsidrhom bħala validi.

10. Is-Sindku rrimarka li ma kienx hemm applikazzjonijiet eliġibbli għas-sejħa ta' ħatra ta' Assistent Prinċipal fi grad 11 mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi. Ġie deċiż li s-Sindku jagħmel kuntatt mad-Dipartiment tal-Kunsilli sabiex il-Kunsill jipproċedi billi joħroġ is-sejħa tiegħu ma l-ETC.

11. Is-Sindku ikkonferma li s-sinjali taż-żebgħa fil-bitħa ta' l-iskola Primarja San Benedittu ta' Ħal Safi għadhom ma sarux mill-ħaddiema tal-Kunsill.

12. Is-Sindku rrimarka li l-kopja taċ-ċwievet ta' l-uffiċċju tad-Day Care Centre għadha ma għaddietx lil Kunsill.

13. Is-SE rimarka li ser jagħmel kuntatt mas-Sur Omar Schembri, il-Head Coach ta' Safi Youth Nursery fil-jiem li ġejjin rigward l-sponsorship ta' sett futbol kits għan-Nursery.

14. Is-Sindku ppropona u l-Kunsilliera qablu li fi żmien il-Milied, il-Kunsill jagħmel l-ikla tal-Milied r-Razzett l-Antik, Ħal Qormi. Id-data ta' l-ikla ser tkun il-21 ta' Diċembru fit-tmienja ta' filgħaxija.

**Korrispondenza**

15. Il-Kunsill irċieva e-mail mill-Medicines Authority sabiex jitqassam flyer mal-magazine tal-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu li dan il-flyer jitqassam mal-fuljett li jmiss joħroġ f'Diċembru.

16. Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Dorianne Zammit, Assistent Prinċipal tal-Kunsill Lokali ta’ Ħal Safi. F’din l-ittra hija talbet sabiex tieħu vaganza ta xahrejn bejn April u Mejju tas-Sena 2011 sabiex tieħu btala l-Awstralja. Is-SE rrimarka li xahar minn dan il-leave ser jkun bla ħlas. Il-Kunsilliera unanimament approvaw dan il-leave.

17. Il-Kunsill irċieva żewġ petizzjonijiet. L-ewwel petizzjoni hija sabiex issir bankina li tinsab fin-naħa t’isfel ta’ Triq San Pawl u titkompla minn ħdejn id-dar numru 49 sal-kantuniera għal Triq San Ġużepp. It-tieni petizzjoni hija sabiex il-Kunsill jagħmel bankina bejn Triq San Ġużepp u Triq il-Puniċi. Fuq in-naħa l-oħra ukoll jiġifieri mill-‘bus stop’ sa d-dar numru 62. Il-Kunsilliera iddiskutew dawn it-talbiet. Jerome Busuttil rrimarka li l-kunsilliera kienu qablu fil-passat li dawn it-toroq huma dejqa ħafna u b’bankini fuq kull naħa tat-triq, it-triq tiġi dejqa ħafna. Is-Sindku issuġġerixxa u l-Kunsilliera qablu li l-Kunsill jgħaddi dawn it-talbiet lil Trasport Malta sabiex dan id-Dipartiment jatina l-parir tekniku tiegħu qabel mal-Kunsill jipproċedi bid-deċiżjoni tiegħu.

18. Il-Kunsill irċieva ittra mill-Local Council Association sabiex jitwaħħlu notice boards mill-MEPA f’kull raħal ta’ Malta u li fuqhom jitwaħħlu il-lista ta applikazzjonijiet għal-żvilup fir-raħal rispettiv. Il-Kunsilliera qablu li titmexxa n-notice board tal-Kunsill minn fejn l-ATM għal fuq il-faċċata tal-Kunsill bejn l-ATM u l-ewwel bieb sabiex in-notice board tal-MEPA teħel minn flok dik tal-Kunsill.

19. Il-Kunsill irċieva ittra mill-Kunsill Lokali ta’ Ħal Kirkop. F’din l-ittra il-Kunsill ta’ Ħal Kirkop ħeġġeġ lil Kunsill ta’ Ħal Safi sabiex flimkien ma diversi kunsilli oħra fir-reġjun ta’ Nofsinhar jiġu organizzati *courses* ta’ l-ECDL fil-kunsill b’xejn. Il-Kunsilliera qablu li s-SE jivverifika l-post ta’ fejn ser jsiru il-*courses.* Il-Kunsilliera aċċettaw li l-Kunsill ta’ Ħal Safi jieħu sehem f’din l-inizjattiva.

**Lista ta’ Anzjani li ma joħorġux mid-dar – Tqassim ta’ Hamper**

20. Dun Karm għadda lis-Sindku lista ta’ anzjani residenti f’Ħal Safi li huwa jqarben fid-djar tagħhom għaliex dawn ma joħorġux mid-dar. Is-Sindku qara din il-lista u flimkien il-Kunsilliera approvaw l-eleġibbilta ta’ dawn in-nies sabiex titqassmilhom qoffa bil-frott waqt żmien il-Milied. Is-Sindku u l-Kunsilliera semmew diversi persuni oħra li ma kienux imniżżla f’din il-lista. Publius Abdilla semma wkoll erbgħa persuni oħra minn Ħal Safi li qegħdin residenti f’San Vinċenz De Paule. B’kollox hemm 24 nominat. Il-Hampers ser jkun magħmul minn qoffa frott maqtugħ minn Ġnien ta’ Ball.

21. **Il-Payment Approval** Sheet No. 64 ġiet approvata.

**Ħwejjeġ Oħra**

22. Is-Sindku rrimarka li qiegħed f'kuntatt mad-Dipartiment ta' l-IPSL sabiex dan id-Dipartiment jagħmel il-bankina ta' Triq ta' Ġawhar permezz tal-ħaddiema tiegħu. Il-Kunsill jkun responsabbli li jħallas il-materjal kollu. Is-Sindku rrimarka wkoll li għandu jiltaqa ma' l-Ufficcjal Savona Ventura sabiex jurih din il-bankina. Eddie Bonello staqsa lis-Sindku jitlob stima ta kemm ser jiswa dan il-proġett qabel ma' jibda ix-xogħol.

23. Il-Kunsilliera iddiskutew il-*leave* li jkun fadlilhom il-ħaddiema tal-Kunsill fl-aħħar tas-sena. Il-Kunsilliera qablu li tintbagħat ittra lil ħaddiema tal-kunsill sabiex il-*leave* ma jibqax jiġi *carried forward* bla bżonn. Mis-sena li ġejja jingħata biss permess li il-*leave* jiġi *carried forward* kemm il-darba dan jkun ġustifikat b'raġuni.

24. Is-Sindku rrimarka li bgħat e-mail lil Kap ta' l-Iskola primarja San Benedittu f'Ħal Safi sabiex nhar il-Ħadd 9 ta' Jannar, 2011 il-Kunsill jkun jista juża is-sala ta' l-iskola primarja sabiex dakinhar il-Kunsill jkun jista jagħmel l-ikla lil anzjani ta' Ħal Safi. Il-Kap ta' l-iskola laqgħu it-talba tal-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill jixtri rigal żgħir ta' €70 bħala ringrazzjament tal-użu tas-Sala.

25. Is-Sindku rrimarka li waqt il-laqgħa tal-Kumitat Reġjonali, ġie deċiż li jiġi terminat il-Kuntratt ta' kiri ta' l-uffiċju tal-Kumitat Reġjonali fil-bini muniċipali tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi. L-uffiċju tal-Kumitat ser jibqa jiġi imexxi minn Ħal Qormi. Is-Sindku ikkonferma mad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment li d-Dipartiment tal-Kunsilli ser jħallas l-perjodu ta' sitt xhur u l-kuntratt ma jiġix imġedded.

26. Francis Callus rrimarka li f'Triq il-Kenn hemm bozza maqtuha.

27. Publis Abdilla rimarka li f'Żurrieq Road qed jgħaddu ħafna karozzi b'veloċita eċċessiva. Publius Abdilla ippropona u l-Kunsilliera qablu li jsiru sinjali ta' veloċita ma' l-art li jindikaw il-veloċita massima f'din it-Triq.

28. Eddie Bonello fakkar lis-sindku sabiex il-Kunsill jiżbor s-siġar fejn ta' Amparell.

29. Jerome Busuttil qal li tkellem ma resident fi Triq Ħajt Ruman u talab li f'din it-triq issir mera quddiem il-garage tiegħu għaliex jgħaddu ħafna karozzi b'veloċita eċċessiva minn quddiem il-garage tiegħu f'din it-triq. Il-Kunsilliera approvaw din it-talba.

30. Il-Kunsilliera approvaw li l-pagi tal-Kunsill joħorġu f'nofs ix-xahar.

31. Il-laqgħa intemmet fid-9:00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 6 ta' Jannar, 2011.

Approvati llum 06/01/2011

Sindku Segretarju Eżekuttiv